30 ta' Ġunju, 1955

Imħallef :-
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Alexander Aloisio pr. et. ne. *versus* Major General Baker Daunt ne.

## Soċjetà Ċivili — Club — Rappreżentanza Ġudizzjali — Kumitat tad-Direzzjoni — "Chairman" — Illeġittimità tal-Persuna — Kjamata fil-Kawża

*Skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, kwolunkwe korp kostitwit, jew soċjetà, li jkollhom kumitat ta' direzzjoni, ma jistgħux ikunu rappreżentati f'kawża li ssir fl-interess ta' dak il-korp kostitwit jew soċjetà, jekk mhux mill-kumitat tad-direzzjoni; ammenokke' fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, dik ir-rappreżentanza ma tiġix mogħtija lil xi persuna determinata.*

*Għaldaqstant, fil-każ ta' club li huwa mmexxi minn kumitat, iċ-"Chairman" mhux persuna leġittima biex jirrappreżenta f'kawża lil dak il-club, jekk mir-regolamenti tal-club ma jirriżultax li hu għandu dik ir-rappreżentanza, jew jekk ir-rappreżentanza ma tkunx ġiet mogħtija lilu b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat.*

*L-attur ma jistax jallega li hu ġie żvijat minn dak iċ-"Chairman" għax dan irrisponda għall-ittra uffiċjali li kien għamillu l-attur, u fir-risposta tiegħu huwa rrespinġa ġenerikament il-pretensjonijiet ta' l-attur.*

*Lanqas ma hija aċċettabili t-talba tal-attur biex jiġu msejħin fil-kawża l-membri l-oħra komponenti l-kumitat tal-club; għax dawn ċa mill-bidu tal-kawża kellhom interess li jkunu konvenuti; u l-attur kien imissu ħarrek mill-bidu lill-kumitat kollu.*

Il-Qorti;—Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Reġina fit-22 ta' Gunju 1954, fejn jinsabu mniżżla ċ-ċitazzjoni tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u fejn ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, u fejn dik il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tat-8 ta' Ottubru 1954, li biha ġie dikjarat illi dina l-Qorti hija l-Qorti kompetenti; bl-ispejjeż kontra l-attur:

Omissis;

Ikkunsidrat, dwar l-imsemmija preġudizzjali;

Illi, skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Tagħna, kwalunkwe korp kostitwit jew soċjetà, li jkollhom kumitat tad-direzzjoni, ma jistgħux ikunu rappreżentati f'kawża fl-interess ta' dak il-korp jew soċjetà jekk mhux mill-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, dik ir-rappreżentanza ma tiġix mogħtija lil xi persuna determinata (ara f'dan is-sens Kollez. Vol. XXXII-I-172, u s-sentenzi hemm ċitati);

Illi l-attur fl-aħħar udjenza eżibixxa r-Regolamenti tal-"United Services Sports Club" tal-Marsa, li bħala "Chairman" tiegħu jinsab imħarrek il-konvenut f'din il-kawża; u minn dawk ir-Regolamenti, għad li rriżulta li l-Club huwa mmexxi minn kumitat, ma jidherx min għandu r-rappreżentanza ġudizzjali tal-Club. Konsegwentement dina r-rappreżentanza hija nvestita fil-kumitat "ut sic";

Illi ebda prova ma saret li b'deliberazzoni tas-soċi jew ta' dak il-kumitat dik ir-rappreżentanza ġiet mogħtija lill-konvenut;

Illi konsegwentement il-konvenut, fil-kwalità biss ta "chairman" tal-imsemmi Club, mhux persuna leġittima biex jikkontesta l-kawża;

Illi xejn ma jiswa dak li jippretendi l-attur, li huwa ġie żvijat mill-konvenut peress li dana rrisponda għall-ittra uffiċjali fol. 20 fl-istess kwalità li lilu kienet ġiet diretta mill-attur; għaliex f'dik l-ittra uffiċjali l-konvenut ma

għamelx ħag'oħra ħlief irrespinġa ġenerikament il-pretensjonijiet akkampati mill-attur, kif kellu d-dritt jagħmel anki fil-kwalità tiegħu ta' "chairman"; iżda huwa la kien jirrappreżenta, u wisq anqas jivvinkola, il-kumitat "ut sic";

Illi lanqas hija aċċettabbli t-talba ta' l-attur biex jiġu msejħin fil-kawża l-membri l-oħra komponenti l-kumitat tal-Club, għaliex dawn sa mill-bidu tal-kawża kellhom interess li jkunu konvenuti; u ladarba skond ir-regolamenti ma kienx hemm speċifikat illi ċ-"chairman" kien jidher għall-Club quddiem il-Qorti, l-attur kien imissu ħarrek mill-bidu l-kumitat kollu;

Illi lanqas hija aċċettabbli t-talba ta' l-attur biex jiġu moderati l-ispejjeż, kif talab l-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-preġudizzjali tal-konvenut, u tiddikjara li huwa, kif jinsab imħarrek, mhux persuna leġittima biex jikkontesta din il-kawża;

U konsegwentement tillibera l-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.